Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 33/17

**AVVIŻI**

**13 ta' Awwissu 2017**

Nhar it-Tlieta 15 ta' Awwissu niċċelebraw il-Festa ta' Marija mtellgħa fis-sema (Santa Marija). F'dan il-jum aħna l-insara msejħin nistrieħu mix-xogħol u nieħdu sehem fil-quddiesa. Il-ħin tal-quddies ikun bħal tal-Ħadd.

Nhar l-Erbgħa ssir il-quddiesa bis-sehem tat-tfal fis-7pm. Wara jkun hemm ħin ta' logħob fuq iz-zuntier.

Minħabba li fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu sa jsir xi xogħol fil-knisja għandna bżonn l-għajnuna għat-tindif nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu. Ftit għajnuna mingħand kulħadd tagħmel differenza kbira. Grazzi lil dawk li sa jkunu ġenerużi billi jagħtu mill-ħin prezzjuż tagħhom.